Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2011/273/PESK

tad-9 ta' Mejju 2011

dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja

(ĠU L 121, 10.5.2011, p. 11)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/302/PESK tat-23 ta' Mejju 2011	L 136	91	24.5.2011
►**M2**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/367/PESK tat-23 ta' Ġunju 2011	L 164	14	24.6.2011

Kkoreġuta minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 164, 24.6.2011, p. 20 (2011/302/PESK)

▼B

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2011/273/PESK

tad-9 ta' Mejju 2011

dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fid-29 ta' April 2011, l-Unjoni Ewropea esprimiet it-tħassib serju tagħha dwar is-sitwazzjoni li qed tiżvolġi fis-Sirja u l-iskjerament ta' forzi militari u ta' sigurtà f'għadd ta' bliet Sirjani.

(2) L-Unjoni kkundannat bil-qawwa r-repressjoni vjolenti, inkluż permezz tal-użu ta' munizzjon attiv, ta' protesti paċifiċi f'lokalitajiet differenti madwar is-Sirja li wasslet għall-mewt ta' diversi dimostranti, il-feriment ta' persuni u detenzjonijiet arbitrarji, u appellat lill-forzi tas-sigurtà tas-Sirja biex jeżerċitaw trażżin minflok repressjoni.

(3) Fid-dawl tas-serjetà tas-sitwazzjoni, għandhom jiġu imposti miżuri restrittivi kontra s-Sirja u kontra l-persuni responsabbli mir-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.

(4) Hija meħtieġa azzjoni ulterjuri mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' armi u ta' materjal relatat ta' kull tip, inklużi armi u munizzjon, vetturi u tagħmir militari, tagħmir paramilitari u partijiet ta' rikambju għal dawk imsemmijin hawn fuq, kif ukoll tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna, lis-Sirja minn ċittadini tal-Istati Membri jew mit-territorji tal-Istati Membri jew l-użu ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru bil-bandiera tagħhom, għandhom ikunu pprojbiti, kemm jekk joriġinaw fit-territorji tagħhom jew le.

2. Għandu jiġi pprojbit:

(a) il-provvista, b'mod dirett jew indirett, ta' għajnuna teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 jew relatati mal-provvista, il-manifatturar, il-manutenzjoni u l-użu ta' tali oġġetti, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fi, jew għall-użu, fis-Sirja;

(b) il-provvista, b'mod dirett jew indirett, ta' finanzjament jew għajnuna finanzjarja relatata mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1, inklużi b'mod partikolari għotjiet, self u assigurazzjoni fuq kreditu għall-esportazzjoni, għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' tali oġġetti, jew għall-provvista ta' għajnuna teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fi, jew għall-użu, fis-Sirja;

▼B

(c) il-parteċipazzjoni, b'mod konxju u intenzjonat, f'attivitajiet, li l-objettiv jew l-effett tagħhom ikun li jaħarbu l-projbizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) jew (b).

Artikolu 2

1. L-Artikolu 1 ma għandux japplika għal:

(a) il-forniment u l-għajnuna teknika maħsuba unikament għas-sostenn ta' jew l-użu mill-Forza tan-Nazzjonijiet Uniti Inkarigata mill-Osservanza tad-Diżimpenn (UNDOF);

(b) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' tagħmir militari li ma joqtolx jew ta' tagħmir li jista' jintuża għar-repressjoni interna, maħsub biss għal użu umanitarju jew protettiv, jew għall-programmi għall-bini tal-istituzzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) u l-Unjoni Ewropea, jew għal operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u tan-NU ta' maniġġar ta' kriżijiet;

(c) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' vetturi mhux tal-ġlied li ġew manifatturati jew mgħammra b'materjali biex jipprovdu protezzjoni ballistika, maħsuba biss għall-użu protettiv ta' persunal tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha fis-Sirja;

(d) il-provvista ta' għajnuna teknika, servizzi ta' senserija u servizzi oħrajn relatati ma' tali tagħmir, jew ma' tali programmi u operazzjonijiet;

(e) il-provvista ta' finanzjament u għajnuna finanzjarja relatati ma' tali tagħmir jew ma' tali programmi u operazzjonijiet;

bil-kondizzjoni li tali esportazzjonijiet u għajnuna jkunu ġew approvati minn qabel mill-awtorità kompetenti rilevanti.

2. L-Artikolu 1 ma għandux japplika għal ilbies protettiv, inklużi ġkieket tal-flak u elmi militari, esportati temporanjament lejn is-Sirja minn persunal tan-NU, persunal tal-Unjoni Ewropea jew tal-Istati Membri tagħha, rappreżentanti tal-midja u ħaddiema umanitarji u dawk għall-iżvilupp u persunal assoċjat għall-użu personali tagħhom biss.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa għall-prevenzjoni tad-dħul fi, jew it-transitu minn ġewwa, it-territorji tagħhom tal-persuni responsabbli mir-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja, u l-persuni assoċjati magħhom, kif elenkati fl-Anness.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux jobbliga Stat Membru biex jiċħad id-dħul fit-territorju tiegħu liċ-ċittadini tiegħu stess.

3. Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-każijiet fejn Stat Membru jkun marbut minn obbligu taħt id-dritt internazzjonali, jiġifieri:

(a) bħala pajjiż ospitanti għal organizzazzjoni intergovernattiva internazzjonali;

(b) bħala pajjiż ospitanti għal konferenza internazzjonali msejħa min-NU, jew taħt l-awspiċju tagħha;

▼B

(c) taħt ftehim multilaterali li jikkonferixxi privileġġi u immunitajiet; jew

(d) taħt it-Trattat ta' Konċiljazzjoni tal-1929 (il-Patt Lateran) konkluż mis-Santa Sede (Stat tal-Belt tal-Vatikan) u l-Italja.

4. Il-paragrafu 3 għandu jiġi kkunsidrat bħala li japplika wkoll f'każijiet fejn Stat Membru jkun pajjiż ospitanti għall-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE).

5. Il-Kunsill għandu jkun infurmat debitament fil-każijiet kollha fejn Stat Membru jagħti eżenzjoni skont il-paragrafi 3 jew 4.

6. L-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mill-miżuri imposti taħt il-paragrafu 1 fejn l-ivvjaġġar ikun ġustifikat minħabba ħtieġa umanitarja urġenti, jew minħabba attendenza f'laqgħat intergovernattivi, inklużi dawk promossi mill-Unjoni, jew ospitati minn Stat Membru li jkollu l-Presidenza tal-OSKE, fejn isir djalogu politiku li jippromwovi direttament id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt fis-Sirja.

7. Stat Membru li jixtieq jagħti l-eżenzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 6 għandu jinnotifika lill-Kunsill bil-miktub. L-eżenzjoni għandha titqies bħala mogħtija sakemm Membru wieħed jew aktar tal-Kunsill ma joġġezzjonax bil-miktub fi żmien jumejn ta' xogħol minn meta tiġi rċevuta l-eżenzjoni proposta. Fil-każ li membru wieħed jew aktar tal-Kunsill joġġezzjonaw, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata, jista' jiddeċiedi li jagħti l-eżenzjoni proposta.

8. Fil-każijiet fejn skont il-paragrafi 3, 4, 6 u 7, Stat Membru jawtorizza d-dħul, jew it-transitu, fit-territorju tiegħu tal-persuni elenkati fl-Anness, l-awtorizzazzjoni għandha tkun limitata għall-fini li għaliha tkun ingħatat u għall-persuni kkonċernati minnha.

Artikolu 4

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu, huma proprjetà ta', miżmuma jew ikkontrollati mill-persuni responsabbli mir-repressjoni vjolenti fuq il-popolazzjoni ċivili fis-Sirja, u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, u l-entitajiet assoċjati magħhom, kif elenkati fl-Anness, għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fond jew riżors ekonomiku ma għandu jsir disponibbli, direttament jew indirettament, lil jew għal benefiċċju ta', persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew entitajiet elenkati fl-Anness.

3. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tawtorizza r-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew li ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli, taħt tali kondizzjonijiet li hi tikkunsidra adatti, wara li tkun iddeterminat li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi kkonċernati huma:

(a) meħtieġa biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet bażiċi tal-persuni elenkati fl-Anness u l-membri tal-familja dipendenti minnhom, inklużi pagamenti għal ikel, kera jew garanziji ipotekarji, mediċini u trattament mediku, taxxi, primjums tal-assigurazzjoni, u ħlasijiet ta' servizzi pubbliċi;

▼B

(b) maħsuba esklussivament għall-pagament ta’ onorarji professjonali raġjonevoli u għar-rimborż ta’ spejjeż li huma assoċjati mal-provvista ta’ servizzi legali;

(c) maħsuba esklussivament għall-pagament ta' tariffi jew imposti ta' servizzi għaż-żamma jew il-manutenzjoni regolari ta’ fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati; jew

(d) meħtieġa għal spejjeż straordinarji, bil-kondizzjoni li l-awtorità kompetenti tkun innotifikat lill-awtorità kompetenti tal-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bir-raġunijiet li għalihom tikkunsidra li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika, mill-inqas ġimgħatejn qabel l-awtorizzazzjoni.

Stat Membru għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni li jagħti taħt dan il-paragrafu.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, bil-kondizzjoni li jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma s-suġġett ta' garanzija ġudizzjarja, amministrattiva jew arbitrali stabbilita qabel id-data li fiha l-persuna fiżika jew ġuridika jew entità msemmija fl-Artikolu 4(1) tkun ġiet inkluża fl-Anness jew ta’ sentenza ġudizzjarja, amministrattiva jew arbitrali mogħtija qabel dik id-data;

(b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi ser jintużaw esklussivament sabiex jintlaħqu l-pretensjonijiet żgurati minn tali garanzija jew rikonoxxuti bħala validi f'tali sentenza, fil-limiti stabbiliti mil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet ta' persuni li jkollhom tali pretensjonijiet;

(c) il-garanzija jew is-sentenza mhijiex għall-benefiċċju ta’ persuna fiżika jew ġuridika jew entità elenkati fl-Anness; u

(d) ir-rikonoxximent li l-garanzija jew is-sentenza ma tmurx kontra l-politika pubblika fl-Istat Membru kkonċernat.

Stat Membru għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont dan il-paragrafu.

5. Il-paragrafu 1 ma għandux jipprevjeni persuna jew entità nominata milli tagħmel ħlas dovut taħt kuntratt li daħal fis-seħħ qabel l-elenkar ta' tali persuna jew entità, bil-kondizzjoni li l-Istat Membru rilevanti jkun iddetermina li l-ħlas ma jiġix riċevut direttament jew indirettament minn persuna jew entità msemmija fil-paragrafu 1.

6. Il-paragrafu 2 ma għandux japplika għaż-żieda ma’ kontijiet iffriżati ta’:

(a) imgħax jew dħul ieħor fuq dawk il-kontijiet; jew

(b) pagamenti dovuti skont kuntratti, ftehim jew obbligi li kienu ġew konklużi jew inħolqu qabel id-data li fiha dawn il-kontijiet saru soġġetti għal din id-Deċiżjoni,

bil-kondizzjoni li kwalunkwe mgħax, dħul u pagamenti oħrajn bħal dawn jibqgħu soġġetti għall-paragrafu 1.

▼B

Artikolu 5

1. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq proposta minn Stat Membru jew mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, għandu jistabbilixxi u jemenda l-lista fl-Anness.

2. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu, inkluż ir-raġunijiet għall-elenkar, lill-persuna jew l-entità kkonċernata, jew direttament, jekk l-indirizz tagħha huwa magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' notifika, li tipprovdi lill-persuna jew l-entità bil-possibbiltà li tippreżenta osservazzjonijiet.

3. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, jew fejn tiġi ppreżentata evidenza sostanzjali ġdida, il-Kunsill għandu jeżamina mill-ġdid id-deċiżjoni tiegħu u jinforma lill-persuna jew l-entità kkonċernata kif meħtieġ.

Artikolu 6

1. L-Anness għandu jinkludi r-raġunijiet għall-elenkar tal-persuni u l-entitajiet ikkonċernati.

2. L-Anness għandu jinkludi wkoll, fejn disponibbli, l-informazzjoni meħtieġa sabiex jiġu identifikati l-persuni jew l-entitajiet ikkonċernati. Fir-rigward tal-persuni, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, inklużi l-psewdonimi, id-data u l-post ta' twelid, iċ-ċittadinanza, in-numri tal-passaport u tal-karta tal-identità, is-sess, l-indirizz jekk magħruf, u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward tal-entitajiet, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-post tan-negozju.

Artikolu 7

Sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt tal-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni, l-Unjoni għandha tħeġġeġ lil Stati terzi biex jadottaw miżuri restrittivi simili għal dawk imniżżla f'din id-Deċiżjoni.

Artikolu 8

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għal perijodu ta' 12-il xahar. Hija għandha tinżamm taħt reviżjoni kostanti. Hija għandha tiġġedded, jew tiġi emendata kif adatt, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma ntlaħqux.

Artikolu 9

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

▼M1

▼C1

ANNESS

LISTA TA' PERSUNI U ENTITAJIET IMSEMMIJA FL-ARTIKOLI 3 U 4

►M2 A. ◄ **Persuni**

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	Bashar Al-Assad	Twieled fil-11 ta' Settembru 1965 f'Damasku; Nru tal-passaport diplomatiku D1903	President tar-Repubblika; ordna u mexxa r-repressjoni kontra l-manifestanti.	23.05.2011
2.	Maher (magħruf ukoll bħala Mahir) Al-Assad	Twieled fit-8 ta' Diċembru 1967; nru tal-passaport diplomatiku 4138	Kmadant tar-raba′ Diviżjoni tal-Armata, membru tal-Baath Party Central Command, strongman tal-Gwardja Repubblikana; ħu l-President Bashar Al-Assad; responsabbiltà prinċipali tal-vjolenza kontra d-dimostranti.	9.05.2011
3.	Ali Mamluk (magħruf ukoll bħala Mamlouk)	Twieled fid-19 ta' Frar 1946 f'Damasku; Nru tal-passaport diplomatiku 983	Kap tad-Direttorat Ġenerali tal-Intelligence Sirjana (GID); involut fil-vjolenza kontra d-dimostranti.	9.05.2011
4.	Muhammad Ibrahim Al-Sha'ar (magħruf ukoll bħala Mohammad Ibrahim Al-Chaar)		Ministru tal-Intern; involut fil-vjolenza kontra d-dimostranti.	9.05.2011
5.	Atej (magħruf ukoll bħala Atef, Atif) Najib		Qabel kien il-Kap tad-Direttorat tas-Sigurtà Politika f'Deraa; kuġin tal-President Bashar Al-Assad; involut fil-vjolenza kontra d-dimostranti.	9.05.2011
6.	Hafiz Makhluf (magħruf ukoll bħala Hafez Makhlouf)	Twieled fit-2 ta' April 1971 f'Damasku; Nru tal-passaport diplomatiku 2246	Kurunell u Kap ta' Unità fid-Direttorat Ġenerali tal-Intelligence, il-Fergħa ta' Damasku; kuġin tal-President Bashar Al-Assad; qrib ta' Mahir Al-Assad; involut fil-vjolenza kontra d-dimostranti.	9.05.2011
7.	Muhammad Dib Zaytun (magħruf ukoll bħala Mohammed Dib Zeitoun)	Twieled fl-20 ta' Mejju 1951 f'Damasku; Nru tal-passaport diplomatiku D000001300	Kap tad-Direttorat tas-Sigurtà Politika; involut fil-vjolenza kontra d-dimostranti.	9.05.2011
8.	Amjad Al-Abbas		Kap tas-Sigurtà Politika f'Banyas, involut fil-vjolenza kontra d-dimostranti f'Baida.	9.05.2011
9.	Rami Makhlouf	Twieled fl-10 ta' Lulju 1969 f'Damasku, Nru tal-passaport 454224	Negozjant Sirjan; assoċjat ta' Mahir al-Assad; kuġin tal-President Bashar Al-Assad; jipprovdi finanzjament lir-reġim biex jippermetti l-vjolenza kontra d-dimostranti.	9.05.2011

▼C1

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
10.	Abd Al-Fatah Qudsiyah	Twieled fl-1953 f'Hama; Nru tal-passaport diplomatiku D0005788	Kap tal-Intelligence Militari Sirjana (SMI) involut fir-repressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili.	9.05.2011
11.	Jamil Hassan		Kap tal-Intelligence tal-Forza tal-Ajru Sirjana; involut fir-repressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili.	9.05.2011
12.	Rustum Ghazali	Twieled fit-3 ta′ Mejju 1953 f'Dara'a; Nru tal-passaport diplomatiku D000000887	Kap tal-Intelligence Militari Sirjana tal-Fergħa tal-Kampanja ta' Damasku; involut fir-repressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili.	9.05.2011
13.	Fawwaz Al-Assad	Twieled fit-18 ta' Ġunju 1962 f'Kerdala; Nru tal-passaport 88238	Involut fir-repressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili bħala parti mill-milizzja ta' Shabiha.	9.05.2011
14.	Munzir Al-Assad	Twieled fl-1 ta' Marzu 1961 f'Lattakia; Nru tal-passaport 86449 u 842781	Involut fir-repressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili bħala parti mill-milizzja ta' Shabiha.	9.05.2011
15.	Asif Shawkat	Twieled fil-15 ta' Jannar 1950 f'Al-Madehleh, Tartus	Deputat Kap tal-Persunal għas-Sigurtá u r-Reconnaissance; involut fir-repressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili.	23.05.2011
16.	Hisham Ikhtiyar	Twieled fl-1941	Kap tal-Uffiċċju tas-Sigurtà Nazzjonali Sirjana; involut fir-repressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili.	23.05.2011
17.	Faruq Al Shar′	Twieled fl-10 ta' Diċembru 1938	Viċi President tas-Sirja; involut fir-repressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili.	23.05.2011
18.	Muhammad Nasif Khayrbik	Twieled fl-10 ta' April 1937 (alt. 20 ta' Mejju 1937) f'Hama, Nru tal-passaport diplomatiku 0002250	Assistent Viċi President tas-Sirja għall-Affarijiet tas-Sigurtà Nazzjonali; involut fir-repressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili.	23.05.2011
19.	Mohamed Hamcho	Twieled fl-20 ta' Mejju 1966; Nru tal-passaport diplomatiku 002954347	Ħaten Mahir Al-Assad; negozjant u aġent lokali ta' diversi kumpanniji barranin; jiffinanzja r-reġim li jippermetti r-repressjoni kontra d-dimostranti.	23.05.2011
20.	Iyad (magħruf ukoll bħala Eyad) Makhlouf	Twieled fil-21 ta' Jannar 1973 f'Damasku; Nru tal-passaport N001820740	Ħu Rami Makhlouf u Uffiċjal tal-GID involut fir-repressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili.	23.05.2011
21.	Bassam Al Hassan		Konsulent Presidenzjali għall-Affarijiet Strateġiċi; involut fir-repressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili.	23.05.2011

▼C1

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
22.	Dawud Rajiha		Kap tal-Persunal tal-Forzi Armati responsabbli għall-involviment militari fir-repressjoni tad-dimostranti paċifiċi.	23.05.2011
23.	Ihab (magħruf ukoll bħala Ehab, Iehab) Makhlouf	Twieled fil-21 ta' Jannar 1973 f'Damasku; Nru tal-passaport N002848852	Viċi President ta' SyriaTel u jieħu ħsieb il-Kumpannija Amerikana ta' Rami Makhlouf jipprovdi finanzjament lir-reġim biex jippermetti l-vjolenza kontra d-dimostranti.	23.05.2011

▼M2

24.	Zoulhima CHALICHE (Dhu al-Himma SHALISH)	Imwieled fl-1951 jew fl-1946 f'Kerdaha.	Kap tal-protezzjoni presidenzjali; involut fi vjolenza kontra d-dimostranti; prim kuġin tal-President Bachar Al-Assad.	23.6.2011
25.	Riyad CHALICHE (Riyad SHALISH)		Direttur tal-Military Housing Establishment; sors ta' finanzjament għar-reġim; prim kuġin tal-President Bachar Al-Assad.	23.6.2011
26.	Kmandant Brigadier Mohammad Ali JAFARI (magħruf bħala JA'FARI, Aziz; magħruf bħala JAFARI, Ali; magħruf bħala JAFARI, Mohammad Ali; magħruf bħala JA'FARI, Mohammad Ali; magħruf bħala JAFARI-NAJAFABADI, Mohammad Ali)	DtT 1 ta' Settembru 1957; PtT Yazd, Iran.	Kmandant Ġenerali tar-Revolutionary Guard Corps Iranjan involut fil-forniment tat-tagħmir u l-appoġġ biex jgħin lir-reġim tas-Sirja jrażżan il-protesti fis-Sirja.	23.6.2011
27.	Maġġur Ġeneral Qasem SOLEIMANI (magħruf bħala Qasim SOLEIMANY)		Kmandant tal-Revolutionary Guard Corps Iranjan - Qods involut fil-forniment tat-tagħmir u l-appoġġ biex jgħin lir-reġim tas-Sirja jrażżan il-protesti fis-Sirja.	23.6.2011
28.	Hossein TAEB (magħruf bħala TAEB, Hassan; magħruf bħala TAEB, Hosein; magħruf bħala TAEB, Hossein; magħruf bħala TAEB, Hussayn; magħruf bħala TAEB, Hojjatoleslam Hossein TA'EB)	DtT 1963; PtT Tehran, Iran.	Viċi Kmandant għall-Intelligence tal-Revolutionary Guard Corps Iranjan involut fil-forniment tat-tagħmir u l-appoġġ biex jgħin lir-reġim tas-Sirja jrażżan il-protesti fis-Sirja.	23.6.2011
29.	Khalid QADDUR		Soċju fin-negozju ma' Maher Al-Assad Sors ta' finanzjament għar-reġim.	23.6.2011
30.	Ra'if AL-QUWATLI (magħruf bħala Ri'af AL-QUWATLI		Soċju fin-negozju ma' Maher Al-Assad Sors ta' finanzjament għar-reġim.	23.6.2011

▼**M2**

B. **Entitajiet**

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	Bena Properties		Taħt il-kontroll ta' Rami Makhlouf; Sors ta' finanzjament għar-reġim	23.6.2011
2.	Al Mashreq Investment Fund (AMIF) (psewdonomu Sunduq Al Mashrek Al Istithmari)	Po Box 108, Damascus Tel: 963 112110059 / 963112110043 Fax: 963 933333149	Taħt il-kontroll ta' Rami Makhlouf; Sors ta' finanzjament għar-reġim	23.6.2011
3.	Hamcho International (magħruf bħala Hamso International Group)	Baghdad Street, P.O.Box 8254 Damascus Tel.:963 112316675 Fax: 963 112318875 Website: www.hamshointl.com Posta elettronika: info@hamshointl.com u hamshogroup@yahoo.com	Taħt il-kontroll ta' Mohamed Hamcho jew Hamsho; Sors ta' finanzjament għar-reġim	23.6.2011
4.	Military Housing Establishment (psewdonomu MILIHOUSE)		Kumpannija ta' xogħlijiet pubbliċi taħt il-kontroll ta' Riyad Shalish u l-Ministeru tad-Difiża. Sors ta' finanzjament għar-reġim.	23.6.2011